

31991R1134

L 112/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

4.5.1991

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1134/91**tad-29 ta' April 1991****fuq l-arranġamenti tat-tariffi applikabbli għall-importazzjoni ta' prodotti fil-Komunità li joriġinaw f'territorju okkupat u t-tħassir ta' Regolament (KEE) Nru 3363/86**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi prodotti li joriġinaw fix-xatt tal-punent tax-xmara Ġordan jew l-Istrixxa ta' Gaza (imsejħa "territorju okkupat"), it-tnejn okkupati minn Iżrael, igawdu trattament preferenzjali fil-każ ta' aċċess għas-suq tal-Komunità taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3363/86 tal-27 ta' Ottubru 1986 fuq l-arranġamenti tat-tariffi applikabbli għall-importazzjoni ta' prodotti fil-Komunità li joriġinaw f'territorju okkupat ⁽¹⁾;

Billi t-trattament preferenzjali jipprovdi għal aċċess ħieles fis-suq tal-Komunità għal merkanzija industrijali u trattament tariffarju preferenzjali għal ċerti prodotti agrikoli;

Billi huwa xieraq li jiġu mdaħħla miżuri li jwasslu għal titjib malajr fil-kondizzjonijiet ta' aċċess fis-suq tal-Komunità għall-prodotti agrikoli li joriġinaw f'territorju okkupat; billi, biex jintlaħaq dan il-għan, ir-Regolament (KEE) Nru 3363/86 għandu jiġi mibdul b'Regolament ġdid,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Prodotti għajr dawk li jinsabu fil-lista fl-Anness II tat-Trattat u li joriġinaw f'territorju okkupat għandhom jiġu importati fil-Komunità mingħajr restrizzjonijiet ekwivalenti jew miżuri li għandhom effett ekwivalenti u ħielsa minn dazji doganali u piżijiet li għandhom effett ekwivalenti.

2. F'każ ta' merkanzija msemija fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3033/80 tal-11 ta' Novembru 1980 li jniżżel

l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċertu merkanzija li tirriżulta mill-ipproċessar ta' ċerti prodotti agrikoli ⁽²⁾ li tali lista tinsab fl-Anness I hawnwekk, paragrafu 1 għandu jgħodd biss għall-komponent fiss tal-ħlas impost fuq din il-merkanzija importata fil-Komunità.

Artikolu 2

Id-dazji doganali fuq merkanzija importata fil-Komunità ta' prodotti agrikoli msemija fl-Anness II u li joriġinaw fit-territorji okkupati għandhom jiġu eliminati f'żewġ rati indaqs, fl-1 ta' Jannar 1992 u fl-1 ta' Jannar 1993, u fil-perjodu indikat għal kull prodott.

Artikolu 3

1. L-Artikolu 2 għandu jgħodd fil-limiti ta' kwota tariffarja tal-Komunità ta' 1 200 tonnellata metrika għal frawli taħt il-kodiċi NM 0810 10 90.

2. Il-kwantità tar-referenza hija msemija fl-Anness II hawnhekk għal ċerti prodotti.

Meta l-importazzjoni ta' xi prodotti minn dawn tisboq il-kwantità tar-referenza, il-prodotti miftiehma jistgħu jiġu soġġetti għal tariffa Komunitarja fuq il-kwota li għandha tgħodd għall-volum ekwivalenti tal-kwantitajiet tar-referenza, jekk l-ammonti importati jidhru li x'aktarx se jrin joħolqu problemi fis-suq tal-Komunità.

3. F'każi ta' Prodotti msemija fl-Anness II għajr dawk imsemija f'paragrafi 1 u 2, il-kwantitajiet tar-referenza tista' tiġi iffissata jekk l-ammonti importati jidhru li x'aktarx se jrin joħolqu problemi fis-suq tal-Komunità.

Dawn il-prodotti jistgħu sussegwentement jiġu soġġetti għal tariffi fuq il-kwoti taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dawk msemija fil-paragrafu 2.

4. Ir-rati ta' riduzzjonijiet msemija fl-Anness II għandhom jgħoddu għall-ammonti importati fl-eċċess tal-kwoti.

⁽¹⁾ ĠU L 306, ta' l-1.11.1986, pġ. 103.

⁽²⁾ ĠU L 323, tad-29.11.1980, pġ. 1.

5. Skond l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2, dazji doganali jkunu laħqu livell ta' 2 % jew inqas, il-ġabra tagħhom għanda tkun totalment sospiża.

Artikolu 5

Ir-Regolament (KEE) Nru 3363/86 huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 4

Artikolu 6

Ir-regoli tal-Oriġini li japplikaw għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4129/86 ⁽¹⁾.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1992.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-29 ta' April 1991.

F'isem il-Kunsill

Il-President

R. GOEBBELS

⁽¹⁾ ĠU L 381, tal-31.12.1986, pġ. 1.

ANNEX I

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
ex 0403	xorrox tal-butir, baqta tal-ħalib u krema, jogurt, kephir u ħalib u krema li jkunu iffermentaw jew qrasu, kemm jekk ikkonċentrat jew le jew li jkun fihom zokkor miżjud jew tip ta' dolċifikant ieħor jew b'togħmiet differenti jew li jkun fih frott jew kawkaw, ġewż jew kawkaw:
0403 10 51 sa 0403 10 99	— Jogurt, b'togħmiet differenti jew li jkun fih frott jew kawkaw
0403 90 71 sa 0403 90 99	— Oħrajn, b'togħmiet differenti jew li jkun fih frott jew kawkaw
0710 40 00	Qamħ ħelu (mhux imsajjar jew imsajjar jew imsajjar fuq il-fwar jew mgħolli fl-ilma), iffriżat
0711 90 30	Qamħ ħelu ippriservat għal żmien qasir (per eżempju, bil-gas tad-diossidju tal-kubrit, fis-salmura, ilma bil-kubrit jew f'soluzzjonijiet preservattivi oħra), li mhux tajbin għall-ikel f'dak l-istat
ex 1517	Margarina; taħlit li jittiekel jew preparazzjonijiet ta' xaħam jew żjut ta' l-annimali jew veġetali ta' dan il-kapitolu, għajr minn xaħam jew żjut li jittiekel jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura
1517 10 10	– Margarina, eskluż Margarina likwida li jkollha iktar minn 10 % iżda mhux iżjed minn 15 % mill-piż ta' xaħam tal-ħalib
1517 90 10	– Oħrajn, li jkollhom iktar minn 10 % iżda mhux iżjed minn 15 % mill-piż ta' xaħam tal-ħalib
1702 50 00	Fruttosju kimikament pur
ex 1704	Zokkor ħelu (inkluż ċikkulata bajda), li ma jkun fihom kawkaw; eskluż estratti tal-likwirizja li jkun fihom aktar minn 10 % mill-piż ta' sukrosju iżda li ma jkunx fihom sustanzi oħra miż-juda, li jaqgħu taħt is-subinċiż No 1704 90 10
1806	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħra ta' l-ikel li fihom il-kawkaw
1901	Estratti tax-xgħir; ikel ippreparat mid-dqiq, smida, lamtu jew mill-estratti tax-xgħir, li ma fihomx trab tal-kawkaw, jew li fihom trab tal-kawkaw fi proporzjon tal-piż inqas minn 50 %, m'hux speċifikata jew imdaħħla x'imkien ieħor; ikel ippreparat mill-merkanzija ta' l-Intestatura Nru 0401 sa 0404, li ma fihomx trab tal-kawkaw, jew li fihom trab tal-kawkaw fi proporzjon tal-piż inqas minn 10 %, m'hux speċifikata jew imdaħħla x'imkien ieħor
ex 1902	Għaġin, msajjar jew le jew ippreparat mod ieħor eskluż għaġin mimli li jaqa' taħt is-subinċiż 1902 20 10 and 1902 20 30
1903	Tapjoka u sostituti tiegħu, ippreparati mil-lamtu fil-forma ta' xrar, frak, perli, frak mgħarbul jew simili
1904	Ikel ippreparat mill-infiħ jew inkaljar taċ-ċereali jew prodotti taċ-ċereali (bħal per eżempju l-korn flakes); ċereali, għajr il-qamħirrum (qamħ), fi forma ta' frak msajjar minn qabel jew ippreparat mod ieħor
1905	ħobż, ħelu magħmul mill-għaġina, kejkijiet, gallettini u xogħol ieħor tal-furnar, kemm jekk ikollhom il-kawkaw jew le, ostji, qratas vojta għal użu farmaċewtiku, wejfer użati biex tissiġilla, karti tar-ross u prodotti simili
2001 90 30	Qamħ ħelu (Zea mays var. saccharata) ippreparat jew ippreservat fil-hall jew fl-aċtu qares tal-hall.
2001 90 40	Patata ħelwa u partijiet ta' pjanti simili li jittiekel li jkun fihom 5 % jew iżjed mill-piż ta' lamtu, ippreparat jew ippreservat fil-hall jew fl-aċtu qares tal-hall.
2004 90 10	Qamħ ħelu (Zea mays var. saccharata) ippreparat jew ippreservat mod ieħor għajr fil-hall jew fl-aċtu qares tal-hall; iffriżat
2005 80 00	Qamħ ħelu (Zea mays var. saccharata) ippreparat jew ippreservat mod ieħor għajr fil-hall jew fl-aċtu qares tal-hall.; mhux iffriżat

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
2008 99 85	Qamhbirrun li mhux qamħ ħelu (Zea mays var. saccharata) ippreparat mod ieħor jew ippreservat, li ma jkunx fih spirtu miżjud jew zokkor miżjud
2008 99 91	Yams, patata ħelwa u partijiet ta' pjanti simili li jittiekl u li jkun fihom 5 % jew iżjed mill-piż ta' lamtu, ippreparat mod ieħor jew ippreservat, li ma jkunx fih spirtu miżjud jew zokkor miżjud
2101 30 19	Sostituti tal-kafe nkaljat eskluż iċ-ċikwejra nkaljata
2101 30 99	Estratti, essenzi jew ikkonċentrati tas-sostituti tal-kafe nkaljat eskluż dawk taċ-ċikwejra nkaljata
2102 10 31 – 2102 10 39	Ħmira
2105	2105 ġelat u silġ ieħor li jittiekel, kemm jekk ikun fih il-kawkaw jew le
ex 2106	Preparazzjonijiet ta' l-ikel speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor għajr dawk li jaqgħu taħt is-subinċiżi 2106 10 10 u 2106 90 91 u dawk li fihom toġhmiet differenti jew xiopp taz-zokkor ikkulurit
2202 90 91 2202 90 95 2202 90 99	Xorb mhux alkoħoliku, li ma jinkludix meraq tal-frott jew tal-ħaxix ta' l-intestatura Nru 2009, li jkunu jinsabu fi prodotti tan-Nri 0401 sa 0404 jew miksuba minn prodotti tal-intestatura Nri 0401 sa 0404
2905 43	Mannitol
2905 44	D-Glucitol (sorbitol)
ex 3501	Caseins caseinates u derivattivi oħra tal-proteini tal-ħalib
ex 3505 10	Dextrini u lamtijiet modifikati oħra, esklużi lamtijiet li għaddew minn proċess kimiku ta' alkoħol u aċidu organiku jew minn xi proċess b'likwidu magħmul mill-alkoħol tas-subinċiż 3505 10 50
3505 20	Kolol basati fuq il-lamtu jew destrini u lamtijiet modifikati oħra
3809 10	Glassa u taħwir ippreparat bi bażi ta' sustanzi ta' lamtu.
3823 60	Sorbitol għajr dawk tas-subinċiż 2905 44

ANNEX II

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Rati ta' Riduzzjoni fid-dazji doganali(%) ⁽¹⁾
ex 0702 00 10	Tadam, frisk jew mkessaħ, mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Marzu ⁽²⁾	60 %
ex 0703 10	Basal, frisk jew mkessaħ, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju	60 %
ex 0709 30 00	Brunġiel, frisk jew mkessaħ, mill-15 ta' Jannar sat-30 ta' April ⁽³⁾	60 %
ex 0709 60	Frott tal-familja tal-bżar jew tal-familja tal-bżar Ġamajkan, frisk jew mkessaħ:	
0709 60 10	Bżar ħelu jew bżar Ġamajkan ⁽⁴⁾	40 %
0709 60 99	Oħrajn	80 %
ex 0709 90 70	Qarabali, frisk jew mkessaħ, mill-1 ta' Diċembru sa l-aħħar ta' Frar ⁽⁵⁾	60 %
ex 0709 90 90	Ħaxix ieħor, frisk jew mkessaħ, Basal selvaġġ tal-ispeċi Muscari comosum, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju	60 %
ex 0710 80	Ħaxix ieħor, mhux imsajjar jew msajjar fuq il-fwar jew msajjar fuq il-fwar, iffriżat:	
0710 80 59	Frott tal-familja Capsicum jew tal-familja Pimenta, għajr bżar hulu jew bżar Ġamajkan	80 %
0710 90 10	Frott tal-familja Capsicum jew tal-familja Pimenta, għajr bżar hulu jew bżar Ġamajkan, ippreservati għal żmien qasir, li mhux tajbin għall-ikel f'dak l-istat.	80 %
ex 0805 10	Larinġ, frisk ⁽⁶⁾	60 %
ex 0805 20	Mandolin (inklus tangerin u satsuma); klementini, wilking u ibridi oħra taċ-ċitru, friski ⁽⁷⁾	60 %
ex 0805 30	Lumi, (lumi taċ-ċitru, citrus limonum), frisk ⁽⁸⁾	40 %
0805 40 00	grejpfruw	80 %
ex 0807 10 90	Bettieħ, frisk: mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju ⁽⁹⁾	50 %
ex 0807 90 10	Frawli, frisk mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu ⁽¹⁰⁾	0 %
ex 0812 90 20	Larinġ, mqatta' biċċiet żgħar, ippreservati għal żmien qasir, li mhux tajbin għall-ikel f'dak l-istat.	80 %
0904 20 39	Bżar għajr bżar ħelu jew bżar Ġamajkan, mnixxef, la mfarrak u lanqas mitħun	80 %
2001 90 20	Frott tal-familja Capsicum għajr bżar ħelu jew bżar Ġamajkan, ippreparat jew ippreservat bill-hall jew fermenti oħra	80 %
2005 90 10	Frott of the genus Capsicum other than Ħelu peppers or pimentos, ippreparat jew ippreservat mod ieħor għajr mill-hall jew fermenti oħra, mhux iffriżat	80 %

⁽¹⁾ For amounts imported in excess of any tariff quota.⁽²⁾ Kwantità tar-referenza: 1 000 tonnellata metrika.⁽³⁾ Kwantità tar-referenza: 3 000 tonnellata metrika.⁽⁴⁾ Kwantità tar-referenza: 1 000 tonnellata metrika.⁽⁵⁾ Kwantità tar-referenza: 300 tonnellata metrika.⁽⁶⁾ Kwantità tar-referenza: 25 000 tonnellata metrika.⁽⁷⁾ Kwantità tar-referenza: 500 tonnellata metrika.⁽⁸⁾ Kwantità tar-referenza: 800 tonnellata metrika.⁽⁹⁾ Kwantità tar-referenza: 10 000 tonnellata metrika.⁽¹⁰⁾ Kwantità tar-referenza: 1 200 tonnellata metrika.